Dan il-volum ikompli minn
XXXIIID

15 ta' Novembru, 1947.

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Imħallef :**

Lorenzo Baldacchino *versus* Grazio Mallia

**Komunjoni — Bir — Diviżjoni —**
**Art. 479 (1) (2) (3) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi, jekk ġiebja tibqa' dieħla taħt il-fond tal-ġar u tkun komuni, kull wieħed miż-żewġ ġirien jista' jitlob li dik il-biċċa tal-ġiebja li tkun taħt il-fond tiegħu tiġi mifruda minn dik li tkun taħt il-fond ta' l-ieħor per mezz tal-bini ta' ħajt bi spejjeż tat-tnejn ; u jekk il-biċċa tal-ġiebja li tkun tinsab taħt il-fond ta' wieħed tkun wisq akbar minn dik li tkun taħt il-fond ta' l-ieħor, il-Qorti tista', meta tordna l-firda, tikkundanna lill-ewwel wieħed iħallas lill-ieħor sehmu, skond ma jmissu, mis-somma li dan ta' l-aħħar ikun nefaq għat-tħaffir tal-ġiebja.*

*Fil-każ preżenti, it-talba ta' l-attur, diretta għad-diviżjoni tal-bir, ma ġietx milqugħa, fuq il-motiv li d-diviżjoni ġiet ritenuta impossibili, billi, kieku saret id-diviżjoni skond il-linea medjana bejn iż-żewġ fondi, l-attur ma kien jibqagħlu xejn; u mħabba ċ-ċokon tal-bir, il-ħajt diviżorju li kien ikun irid jinbena kien irid ikollu spessur tali, biex jirreżisti għall-pressjoni ta' l-ilma, li kien jirriduċi l-bir fix-xejn.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-kontendenti jipposjedu bir komuni li qiegħed parti taħt id-dar ta' l-attur numru 142 Triq Santa Maria, iż-Żejtun, u parti taħt id-dar tal-konvenut, numri 143 u 144 fl-istess triq; u li l-attur ma jridx jibqa' ulterjorment f'dan l-istat ta' komunjoni; talab li tiġi ordnata d-diviżjoni ta' l-imsemmi bir komuni, billi l-parti ta' taħt id-dar ta' l-attur tiġi diviża u separata bil-mod solitu skond il-liġi mill-parti ta' taħt id-dar tal-konvenut, jew bi kwalunkwe mod ieħor u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jogħġobha tordna l-Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis* ·

Mill-perizja jirriżulta li l-bir in kwistjoni jestendi ruħu taħt l-entrata tal-fond tal-konvenut, u taħt il-fond ta' l-attur ma għandux ħlief ħorża żgħira minn fejn jista' jieħu l-ilma;

Skond il-liġi (art. 479 (1) (2) (3) Kodiċi Ċivili), jekk ġiebja tibqa' dieħla sa taħt il-fond tal-ġar u tkun komuni, kull wieħed miż-żewġ ġirien jista' jitlob li dik il-biċċa tal-ġiebja li tkun taħt il-fond tiegħu tiġi mifruda minn dik li tkun taħt il-fond ta' l-ieħor per mezz ta' ħajt bi spejjeż tat-tnejn; u jekk il-biċċa tal-ġiebja li tkun tinsab taħt il-fond ta' wieħed tkun wisq akbar minn dik li tkun taħt il-fond ta' l-ieħor, il-Qorti tista', skond iċ-ċirkustanzi, meta tordna l-firda, tikkundanna lill-ewwel wieħed iħallas lill-ieħor sehmu, skond ma jmissu, mis-somma li dan ta' l-aħħar ikun nefaq għat-tħaffir ta' dik il-ġiebja;

Però mill-perizja jirriżulta illi d-diviżjoni tal-bir in kwistjoni mhix possibili; għaliex, billi taħt il-fond ta' l-attur ma hemmx ħlief ħorża żgħira, jekk id-diviżjoni ssir skond il-linea medjana bejn iż-żewġ fondi, l-attur ma jibqagħlu xejn. U l-bir hu tant żgħir li l-perit issottometta wkoll li lanqas, għal din ir-raġuni, ma hija possibili diviżjoni per metà ugwali, għaliex, billi l-ħajt diviżorju jrid ikollu spessur tali biex jir-

reġisti għall-pressjoni ta' l-ilma meta waħda mill-porzjonijiet tkun mimlija bl-ilma u l-porzjoni l-oħra vojta għal kollox, dak il-ħajt neċessarjament ikun jokkupa gran parti mill-bir, u billi dan huwa żgħir ħafna jirriduċih għal xejn;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba ta' l-attur; iżda in vista taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; u d-dritt tar-reġistru u l-onorarju tal-perit, u l-ispejjeż minnu inkorsi, jinqasmu bejn il-kontendenti f'sehem indaqs.